

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0071/07

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jan Andersson f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, Pervenche Berès f'isem il-
Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
lill-Kunsill

Suġġett: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: "L-Interess Ewropew: Suċċess fl-epoka tal-
globalizzazzjoni" (COM(2007)0581 finali)

Il-Kunsill kif bi ħsiebu jiżgura l-integrazzjoni u l-viżibilità tad-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, u b'mod partikolari, fil-Linji Gwida Integrati (IPGs)? Il-Kunsill kif bi ħsiebu jagħti iktar attenzjoni għall-inklużjoni attiva u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jipprovwovi ħarsien soċjali adegwat u jsaħħaħ il-ġlieda kontra l-faqar?

Xi pjanijiet għandu l-Kunsill biex jindirizza l-varjazzjoni wiesgħa min-naħa ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni u fl-effettività tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi? Il-Kunsill kif bi ħsiebu jiżgura li l-Istati Membri japplikaw b'mod iktar komprensiv l-indikaturi u l-miri ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi (EES), l-istrumenti għat-tagħlim matul il-ħajja u l-miżuri stipulati fil-Patt Ewropew għaż-Żgħażaġħ u l-patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi? Il-Kunsill qed jippjana biex jinkorpora dawn l-impenji fl-IPGs sabiex jipprovwovi EES iktar koerenti u effettiva?

Il-Kunsill kif bi ħsiebu jipprovwovi s-sjieda u jżid l-involviment tal-parlamenti nazzjonali, ta' l-awtoritajiet reġjonali u lokali u ta' l-imsieħba soċjali fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u partikolarment fi ħdan il-proċess tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma?

Il-Kunsill kif se jiġġudika l-impatt u r-rilevanza ta' l-IPGs u x-xewqa ta' l-Istati Membri biex jirrifurmaw l-ekonomija u s-swieq tax-xogħol tagħhom? Jekk il-Kunsill jara xi rilevanza għal dan l-istrument ekonomiku, kif bi ħsiebu jiżgura gwida iktar koerenti għall-Istati Membri dwar sfidi ġodda bħall-kriżi finanzjarja u l-bidla fil-klima u l-kordinazzjoni tar-riformi li qed iseħħu fl-Istati Membri?

Il-Kunsill kif iqis l-impatt ta' investimenti fl-ekonomija ta' l-UE minn fondi sovrani ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fejn investimenti minn fondi ta' l-UE fl-ekonomiji tagħhom huma ristretti jew impossibbli? Għandhom jiġu introdotti miżuri ġodda biex l-UE titqiegħed f'pożizzjoni kompetittiva simili fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi?

Il-Kunsill Ewropew, kemm f'Ottubru 2007 kif ukoll f'Marzu 2008, huwa mitlub li jiġbor flimkien l-istrumenti ekonomiċi differenti u li jirrispondi b'mod koerenti għall-isfidi esterni u interni. Fl-opinjoni tal-Kunsill, kif jista' jiġi implimentat dan il-għan, b'mod partikolari bl-istrumenti ekonomiċi preżenti?

Imressqa: 24.10.2007

Mibgħuta: 25.10.2007

Skadenza: 15.11.2007